MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta ta' 08 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 713/2002/1

**Avviz Numru 713/02 AJD**
**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Limited**

**vs**

**Alfred Schembri u Sabrina Seguna**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Marzu, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' disa' mija u tnejn u tletin Lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm932.97) rappresentanti hlasijiet effetwati mis-socjeta' attrici ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta in konnessjoni mal-proceduri fl-ismijiet " Atlas Insurance Agency Limited vs Sabrina Seguna" (Avviz Numru 1495/00DM – deciza 2 ta' Marzu 2001), li kienu jirrigwardaw l-incident

awtomobilistiku li sehh fit-2 ta' April 2000, gewwa San Pawl il-Bahar bejn il-vettura misjuqa minn Sabrina Seguna u assikurata f'isem Alfred Schembri, bin-numru tar-registrazzjoni DBA 413 u l-vettura propjeta' ta' Josianne Attard bin-numru tar-registrazzjoni AAE 276, u dan wara li l-konvenuti naqsu milli jinfurmaw lis-socjeta' attrici dwar l-incident de quo u dwar l-istess proceduri gudizzjarji msemmija bhal ma' kienu obbligati li jaghmlu ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni relattiva.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Novembru 2001, u bl-interessi legali mid-data tan-notifika tal-istess ittra ufficjali sal-hlas effettiv kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati, baqghu ma dehrux u lanqas ma prezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Michael Grech in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' disa' mija u tnejn u tletin Lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm932.97), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Novembru 2001 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**